**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A61/11

28 Lulju 2011

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/61</u>**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir it-**Tlieta 02 Awwissu 2011, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Mozzjoni – Rimborż Onorarja Sindku
5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
6. Approvazzjoni tal-*Final Version* tal-*Financial Statements*
7. *Update* ta' *Tenders - GLC002/2010 Mixed Household Waste –GLC003/2010 Public Private Partnership*
8. Affarijiet oħra
9. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

6 ta' Settembru 2011

Ref Nru.Klg5/061

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/61 li saret it-Tlieta 2 t'Awwissu 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Joe Camilleri, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-28 ta' Lulju 2011.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħat segwenti;

Klg5/57a – Laqgħa Urġenti li saret fit-8 ta' Lulju 2011,
Klg5/60 - Laqgħa Urġenti li saret fit-28 ta' Lulju 2011
Klg5/61 - Laqgħa li saret fit-2 t'Awwissu 2011

ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti tal-laqgħat sopracitati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**2. Materji Konnessi**

**2.1 Paġna Nru: 3 para 2.6 (minuti laqgħa klg5/56 – 21.06.2011) Konferenza *ECAD***

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li permezz ta' *e-mail* datata 28 ta' Lulju 2011, hu kien talab kopja tal-korrispondenza kollha relatata mas-suġġett sopraċitat iżda sa dak inhar tal-laqgħa ma kienx għadu rċieva ebda risposta.

Il-Viċi-Sindku qal, li sa fejn jaf hu, s-Segretarju Eżekuttiv hi responsabbli li tgħaddi d-dokumentazzjoni.

Iċ-*Chairman* intervjena u qal, li l-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmatu b'din it-talba u talaba biex tgħaddi d-dokumentazzjoni neċessarja wara li jagħti struzzjonijiet hu iżda, dak il-ħin stess waqt il-laqgħa, kkonferma li l-Kunsillier Ian Micallef seta' jieħu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa.

**2.2** Il-Viċi-Sindku qal, li hu xtaq ikun jaf jekk il-Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista kienux jafu bl-*e-mails* li kien qed jibgħat il-Kunsillier Ian Micallef f'isimhom.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb, li hu huwa l-*Minority Leader* u mhux fil-kompetenza tal-Viċi-Sindku, kif il-Kunsillieri Nazzjonalisti jaħdmu bejnithom u jagħddu l-komunikazzjonijiet tagħhom.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu ma qabilx maċ-*Chairman* meta sejjaħ laqgħa urġenti għas-26 ta' Lulju 2011 u dan abazi tal-fatt, li d-dokumentazzjoni ma kienitx tirrifletti l-urġenza li tissejjaħ il-laqgħa, meta kien hemm laqgħa appuntata fis-27 ta' Lulju 2011 li matula kieniet ser tiġi diskussa din l-materja. Għall-kuntrarju, l-laqgħa urġenti tat-28 ta' Lulju 2011, setgħet tissejjaħ u ma setgħax ikun hemm talba biex din ma ssirx anke jekk hu nforma li ma setgħax ikun preżenti għaliex kien ser ikun msiefer minkejja li xtaq jattendi biex jipparteċipa fid-diskussjoni. Dawn ir-raġunijiet jikkostitwixxu d-differenza bejn il-laqgħat urġenti msejjħa għas-26 u t-28 ta' Lulju 2011.

Iċ-*Chairman* wieġeb, li hu kien tal-fehma li l-argumenti kienu rrelevanti għaliex skont Artiklu 29A, hu s-Sindku li jiddeċiedi x'inhu urġenti jew le.

Il-Kunsillier Ian Micallef ikkummenta u qal, li biex laqgħa tkun urġenti l-materja trid tkun urġenti u dan ma kienx japplika għall-laqgħa tas-26 ta'

Lulju 2011, kif ukoll, id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandu funzjoni regolatorja.

**2.3** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*mobile toilets* kienu ġew installati (ref Laqgħa Klg5/057 – 8 ta' Lulju 2011).

**2.4 Diskussjoni – Materja Vodafone (ref Laqgħa Klg5/60)**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-korrispondenza kollha li ntbagħtet fit-28 ta' Lulju 2011, lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali liema korrispondenza, kienet ġiet kkupjata lill-membri tal-Kunsill. Hi kompliet tgħid, li kienet wieġbet it-tlett domandi rikjesti mill-istess Dipartiment u dak in-nhar jiġifieri fit-28 ta' Lulju 2011, kienet saret ukoll il-laqgħa urġenti.

Inqrat l-*e-mail* datata 2 t'Awwissu 2011, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tgħid:

1. Mingħajr preġudizzju, d-Dipartiment iħoss li l-punti (Nru 4 – 6 – 7 li jirrurmaw parti mill-kundizzjonijiet tal-*Vodafone*) imorru kontra artiklu 63A u dan minħabba, li l-Kunsill fost l-oħrajn, kien ser joħroġ il-flus għall-manutenzjoni eċċ.

2. Jista' jinħoloq preċident ma' kumpaniji oħra simili

Għaldaqstant, id-Dipartiment hu ta' l-opinjoni li l-Kunsill għandu jara li jkun hemm kompetizzjoni ġusta u xejn ma jmur kontra l-Artiklu 63A

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Ian Micallef staqsa min kien ser ikun responsabbli jekk il-*cable* jiġrilu l-ħsara, l-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill ikun responsabbli tal-manutenzjoni ta' dak li jiġi nstallat fuq il-*poles* u ċ-*Chairman* qal, li d-ditta *Vodafone* kienet qed toffri *internet access covered by the equipment installed free of charge* u sta għall-Kunsill li meta ssir il-manutenzjoni ma taċċediex is-somma ta' €1,164.69 (Lm500 – *Direct Order*).

Huwa kompla jgħid, li d-Direttur il-ġdid tad-Dipartiment sopraċitat, fl-opinjoni tiegħu ma kienx qed jagħmel xogħolu iżda dak tas-Sindku u ma kienx ser jaċċetta ebda persuna li tindaħal fil-kariga jew li ma tkunx taf il-Liġi jew min qiegħed imexxieh. Skont Artiklu 29A, laqgħa urġenti tista' ssir bis-Sindku u tlett Kunsillieri jew bil-Kunsill kollu. Id-Direttur m'għandux jiddeċiedi u jekk ma jirċeviex risposta pożittiva jibda investigazzjoni għax hu qed jara li l-Kunsill ma kellux jispiċċa f'din is-sitwazzjoni dwar laqgħa urġenti għax fil-liġi hemm miktub ċar kif u meta u min għandu dritt jsejjaħ laqgħa li għandu jkun is-Sindku u mhux *civil servant*. Fl-opinjoni taċ-*Chairman,* dan kien preċident ikraħ li għamel id-Direttur.

Hu kompla jgħid, li xtaq iressaq kjarifika biex tintbagħat lid-Dipartiment dwar din il-materja u cioe'.

'illi s-servizz li ser jiġi provdut huwa bla ħlas jiġifieri, ġa la darba m'hemmx nefqa, m'hemmx regolamenti finanzjarji x'jinkisru u li mad-ditta *Vodafone Malta Ltd* ser ikun iċċarat il-fatt, li jekk kemm –il darba l-manutenzjoni tesiġi nefqa li tmur oltre dak permessibbli mill-Kunsill, jista' jissanzjona waħdu, (*direct order*) ssir sejħa għall-offerti skont il-liġi'.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-2 t'Awwissu 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom:

### 3.3 Installazzjoni tat-*tower crane* mid-ditta *Stivala Operators* fi Triq Reid,

Inqrat l-*e-mail* mibgħuta minn Alfred Vella għan-nom tal-Perit tal-Kunsill, liema *e-mail* kienet ġiet kkuppjata lill-membri kollha tal-Kunsill, fejn ingħata rendikont tas-*site meeting* li kien sar bejn rappreżentanti ta' l-uffiċċju tal-Perit u d-ditta sopracitata fis-26 ta' Lulju 2011. Is-Sur Stivala kien mar personalment it-*Transport Malta* fejn din ta' l-aħħar kienet issuġġeriet, li bi ftehim mal-Kunsill, kienx hemm il-possibbilita' li tiġi temporanjament installata *flood lit zebra crossing* quddiem u wara t-*tower crane,* sabiex jiġi evitat li ssir bankina temporanja u b'hekk il-wisa' tat-triq tibqa' ta' lanqas tlett metri. Jekk din is-sistema tiġi addottata, skont it-*Transport Malta guidelines 'Policy for Unimpeded Access to Garages (for one way Access Only Roads)* il-wisa' għandha tkun 3.0*mtrs*. Jekk il-kuntrattur ipoġġi it-*tower crane* fuq il-bankina, jibqa' wisa' ta' 3.5*mtrs* iżda jridu jitneħħew temporanjament erba' *parking spaces* minn naħa l-oħra tat-triq. Meta t-*Transport Malta* ntalbet tibgħat din id-dikjarazzjoni bil-miktub, din ma kienitx neċessarja minħabba l-fatt, li s-*siting* ta' *zebra crossing* jaqa' taħt il-Kunsilli Lokali. Il-Perit fl-opinjoni tiegħu jħoss, li dan huwa rimedju raġonevoli u ta' sigurta' u ma jsib ebda oġġezzjoni.

Matul id-diskussjoni li saret, l-Viċi-Sindku staqsa jekk kienx il-Kunsill li bagħat lis-Sur Alfred Vella għas-*site meeting*, ċ-*Chairman* qal, li hu flimkien mal-Viċi-Sindku kienu ltaqgħu *on site* ma' Ivan Stivala fejn ġiet evalwlata s-sitwazzjoni u għalkemm Ivan Stivala talab diversi drabi l-preżenza tal-Perit, iċ-*Chairman* qal, li hu qatt ma ta struzzjonijiet għal din it-talba. Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fiċ-ċirkostanzi, t-*tower crane* kien ser joħloq problema ta' *parking* fiċ-ċentru tal-lokalita' u għalhekk, iħossu li dan il-permess m'għandux jingħata.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata, mill-Kunsillier Ian Micallef li ma jingħatax permess għat-tqiegħid ta' *tower crane* fi Triq Reid għar-raġunijiet segwenti:

i. t-triq hija fiċ-ċentru u hi l-uniku żbokk li hemm direttament għax-Xatt u b'hekk toħloq problema ta' *traffic management*

ii bħalissa għaddejjin xogħlijiet oħra fit-toroq tal-madwar jiġifieri fi Triq Ponsonby u sussegwentament, ser jinbeda x-xogħol fi Triq Stuart u għalhekk, diġa' hemm problemi serji ta' *traffic management* fiż-żona.

iii Filwaqt li fl-applikazzjoni ġie trattat biss it-*tower crane* li minnu nnifsu u bil-miżuri alternattivi ser inaqqas drastikament il-parkeġġ, ma ġiex indirizzat fejn ser jitpoġġew it-trakkijiet tas-*supplies* li ser ikomplu jgħarrqu s-sitwazzjoni.

iv il-parkeġġ ser jonqos għall-perjodu twil ta' żmien u diġa' hemm problemi ta' parkeġġ fiż-żona

v madanakollu, jista' jintuża makkinarju goff ieħor li jitpoġġa għall-perjodu definit ta' ħin matul il-ġurnata u wara li jitlesta x-xogħol jitneħħa minn fuq is-sit, b'eżitu tal-fatt, li l-impatt ta' restrizzjonijiet u nkonvenjenzi jkunu ferm anqas.

**3.4** Rigward it-*Tender Form* tas-sottomissjoni ta' l-offerta mill-*Guard & Warden Service House Ltd* li ntbagħtet mir-Reġjun Ċentali, il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu għandha tintbagħat kopja lil kull membru tal-Kunsill għall-kummenti tagħhom u dan minħabba l-fatt, li mhux ir-rappreżentanti kollha kienu preżenti għall-laqgħa tar-Reġjun u jħoss li m'għandux jiddeċiedi waħdu. Huwa kompla jgħid, li kien hemm Kunsilli oħra li ma riedux jiffirmaw.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li għalkemm it-*tender* kien għadu ma ġiex innegozjat, bħala Kunsill Lokali ma kienx ser jagħmel ebda differenza.

Għaldaqstant ġie deċiż, li d-dokumentazzjoni tintbagħat lill-Kunsillieri sabiex ikunu jistgħu jitressqu l-kummenti tagħhom, qabel il-laqgħa tar-Reġjun.

**3.5** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, għan-nefqa ta' €340.00 – kwotazzjoni mibgħuta mid-ditta *M-Qup Co. Ltd*. għal riparazzjoni ta' *play equipment* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira u żewġ *seats* għas-*see-saw.*

**3.6** Tressqet korrispondenza mibgħuta mill-Avukat Joseph Fenech għan-nom tas-Sinjuri Falzon ta' Nru 78 Triq Ponsonby dwar ħsarat u spejjeż li huma sofrew waqt l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet li qed isiru fi Triq Ponsonby kif ukoll, quddiem Nru: 74 fl-istess triq.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li għandha nitkellmu mal-kuntrattur biex isiru t-tiswijiet neċessarji.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament li a bazi tal-komunikat li ntbagħat mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', ma jsib ebda oġġezzjoni li jagħti *clearance* li ssir *drop kerb* quddiem id-dar tal-Parroċċa tal-lokalita' sakemm ir-regolamenti kollha applikabbli jkunu mħarsa .

Fir-rispett ta' l-installar tal-*bollards* fuq il-bankina ta' l-istess triq u cioe' quddiem iz-zuntier tal-Knisja, l-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-*clearance* sakemm jitħalla aċċess fuq il-bankina ta' 1.2 mtrs.

**3.8** Rigward talba għall-permess biex jiġu nstallati *pavement safety barriers* mid-ditta *Frank Salt (Real Estate) Ltd* li kienet ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li saret fit-23 ta' Mejju 2011, il-Kunsill qabel unanimament, li għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti tad-ditta sopracitata liema ditta għandha ġġib ukoll, *visual copy* tal-*barriers* bid-dettalji kollha meħtieġa.

**3.9** Inqrat ittra mibgħuta mill-*I.P.S.L.* fejn il-Kunsill ġie nfurmat, li l-impjegati ta' din id-ditta assenjati mal-Kunsilli Lokali, ma jistgħux jagħmlu xogħol bħal *road markings u traffic signs* u kwalunkwe xogħol kuntrattwali ieħor li jkollu l-Kunsill.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li sa fejn jaf hu, din tgħodd ukoll għall-ħaddiema ta' l-*E.T.C.* taħt l-iskema xogħol fil-Komunita.'

Għalhekk ġie deċiż, li tintalab kopja tal-kundizzjonijiet tax-xogħol lill-*E.T.C.*

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri telaq fis-7.00 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**3.10** Tressqet talba minn diversi persuni sabiex fil-parti t'isfel ta' Triq Sir Henry Bouverie, (bejn Triq il-Flotta u x-Xatt) il-Kunsill jipprova jsib post addattat biex minflok *parking bay* issir *motorcycle bay* sabiex dawn jipparkjaw il-muturi tagħhom.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament, li tinstab lokazzjoni fl-akwata ta' Triq Bouverie ma' Triq Ganni Bencini biex isiru *M.C.parking bays.*

**3.11** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*MaltaPost* dwar talba biex il-Kunsill Lokali jipprovdi *reserved area* fi Triq ix-Xatt, sabiex titpoġġa *Mobile Post Office* biex tagħti servizz lir-residenti, *businesses* u turisti fil-lokalita'.

In segwitu tad-diskussjoni li saret fejn issemma l-fatt, li:

- *MaltaPost* għandha fergħa fi Pjazza Meme' Scicluna
- *Sub Post Office* tinstab fi Triq Manoel de Vilhena

- Sfortunatament, hemm problemi ta' parkeġġ fil-lokazzjoni magħżula.

il-Kunsill fuq suġġeriment tal-Kunsillier Ian Micallef, qabel unanimament, li jagħmel kontra proposta u cioe' minflok fi Triq ix-Xatt, titpoġġa fi Triq Sliema fil-*lay bay* maġenb l-iskola Sekondarja u jingħata servizz wara s-7.00 p.m. matul is-Sajf u wara l-5.00 p.m. fix-Xitwa u dan minħabba l-fatt, li dan is-servizz jikkomplimenta lil dak eżistenti, Triq Sliema hi ċ-ċentru tal-lokalita' u għalhekk, ikun aktar aċċessibbli għar-residenti li jabitaw fil-parti ta' fuq tal-lokalita'u jkollu anqas l-impatt fuq il-parkeġġ.

**3.12** Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa l-Erbgħa 3 t'Awwissu 2011 fl-12.00 p.m. flimkien ma' Marietta Lanzon – *Probation Officer* sabiex tiġi pprezentata l-persuna li ngħatat sentenza ta' erbgħin siegħa biex tagħmel xogħol fil-Komunita'.

**3.13** Tressqet il-kwotazzjoni għar-*reinstatement* tal-bankina fi Triq Reggie Miller mibgħuta mill-kuntrattur *J.&K.Contractors Ltd* liema kwotazzjoni, tammonta għal €4,473.26.

Il-Kunsill qabel unanimament man-nefqa fil-prinċipju, soġġett għall-fatt, li l-ewwel jiġu evalwati jekk hemmx prijoritajiet oħra qabel ma jsir dan ix-xogħol.

**3.14** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li t-*Transport Malta* kienet ser tieħu nkonsiderazzjoni s-suġġerimenti li ntbagħtu mill-Kunsill biex jiġu riveduti r-rotot min *Arriva Malta Ltd* partikularment ir-rotta matul Triq D'Argens direzzjoni Valletta u Triq Sliema u dan minħabba l-fatt, li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi lmenti minn dawk kollha li jagħmlu użu minn dan is-servizz speċjalment dawk li joqgħodu fil-parti ta' fuq tal-lokalita'.

**3.15** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Austin Grixti dwar talba ta' trasferiment ta' permess ta' *selling booth* li hemm fuq il-*promenade* tax-Xatt, mid-ditta *Locations Malta Ltd* għad-ditta *Island Sightseeing Ltd.*

Il-Kunsill laqa' din it-talba, sakemm din id-ditta għandha d-dokumentazzjoni kollha reġistrata.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li minn spezzjonijiet li jagħmel innota, li kienu qed isiru abbużi minn dawk li għandhom *selling booths* fuq il-*promenade* tax-Xatt billi jwaħħlu kartelluni ta' reklamar barra mill-parametri tal-*booth*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li għandna ninfurmawhom sabiex dan l-abbuż ma jibqax isir, għax il-permess joħroġ għat-tqegħid tal-*booth* biss.

**3.16** Tressqet *e-mail* mis-Sur Joe Buttigieg dwar proposti ta' *traffic management* fi Triq D'Argens direzzjoni lejn Triq Sliema sabiex tiġi evitata l-konfużjoni tat-traffiku li jkun nieżel minn naħa ta' fuq ta' Triq D'Argens.

Il-Kunsill kien ser jikkonsidra din il-proposta pero,' l-implimentazzjoni tagħha ma kienitx faċli minħabba li l-*area* ssuġġerita hi diġa' mogħbbija b'ħafna traffiku.

**3.17** Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Joseph Vella – 231 Triq San Albert ngħata r-*Reserved Parking Bay* għal sena minn *Transport Malta*.

**3.18** Tressqet ittra mibgħuta mit-*Transport Malta* dwar talba mid-ditta *SwanSea Enterprises International* għall-*loading/unloading* fi Triq Manoel de Vilhena, minħabba l-ispazju limitat ta' parkeġġ.

Il-Viċi-Sindku qal, li ma kienx ser jieħu sehem fid-diskussjoni minħabba kunflitt ta' interess.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra, ġie diskuss l-fatt, li fl-*area* msemmija, diġa hemm *loading/unloading* eżistenti ġie deċiż, li niktbu lit-*Transport Malta* biex naraw jekk jistax jiġi estiż jew jiġi kalkulat il-metraġġ.

**3.19** Tressqet il-korrispondenza li l-Kunsill kien irċieva mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar *draft agreement* li dan il-Kunsill kien għadu ma ffirmax.

Il-Kunsill ġie aġġornat bid-deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħat preċedenti, meta ġiet diskussa din il-materja.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu ma jaqbilx ma' l-A.K.L. li din innegozzjat għan-nom tal-Kunsilli Lokali mingħajr ma kkunsultat magħhom. u r-rata suġġerita tal-ħlas hi inaċċettabbli.

Il-Kunsillier Ian Micallef ġiebet l-attenzjoni, li din il-materja ġiet imressqa għad-diskussjoni waqt il-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi-Sindki.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li x-xogħol ta' din il-Korporazzjoni hu naċċettabbli u jkollu jerġa' jinqala' u jsir mill-ġdid.

Intervjena ċ-*Chairman* u qal, li filwaqt li hu għandu rispett kbir lejn il-President ta' l-A.K.L. Michael Cohen, hu kien iddiskuta din il-materja miegħu u għamilha ċara li sa mis-seduta li rrefera għaliha l-Kunsillier Ian Micallef, hu ma kienx jaqbel ma' dan i*d-draft agreement* kif ukoll, waqt l-istess laqgħa sopracitata ma ttieħdu ebda deċiżjonijiet iżda kien preżentat fatt kompjut jiġifieri, l-*agreement* kien diġa maqbul mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma. Hu kompla jgħid, li l-Kunsill għandu raġun u għalhekk,

mhux b'kapriċċ iżda bl-akbar sens ta' responsabbilita' kien ser jibqa jssotni l-pożizzjoni li ha dan il-Kunsill u jekk il-Korporazzjoni ma timxix ma' dak li kien qed jitlob dan il-Kunsill, din il-lokalita' ser iżomm lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma responsabbli permezz ta' protest ġudizzjarju.

Il-Kunsillier Ian Micallef issuġġerixxa, li l-Kunsill Lokali għandu jikteb uffiċjalment lill-Korporazzjoni msemmija u jiġi enfażizzat li hu dispost li jsejjaħ laqgħa sabiex jiddiskuti din is-sitwazzjoni. Fl-eventwalita' li din il-laqgħa ma ssirx, il-Kunsill jipproċedi legalment. Madanakollu kien qed jissuġġerixxi biex internament il-Kunsill jaqbel, x'kien dispost li jinneġozja.

Il-Kunsill qabel unanimament mas-suġġerimenti tal-Kunsillier Ian Micallef b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef biex issir laqgħa mall-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

**3.20** s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Mozzjoni – Onorarja lis-Sindku

**4.1.** Il-Kunsillier Ian Micallef li ppropona din il-mozzjoni xtaq iressaq korrezzjoni fl-aħħar paragrafu għall-mozzjoni sopraċitata li minflok 'sa l-aħħar ta' Settembru 2011' tinbidel u ssir tinqara, 'sa l-aħħar ta' din il-leġislatura'. Din l-emenda kienet approvata mis-sekondanti ta' l-istess mozzjoni.

Iċ-*Chairman* talab lill-Kunsillier Ian Micallef jagħti kjarifika dwar it-tieni paragrafu tal-mozzjoni.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-mozzjoni hi *self-explanatory* u li kien hemm mozzjoni mill-Gvern Ċentrali li qabel ma ġie konkluż il-proċess tagħha, din ġiet irtirata madanakollu, fil-fratemp laħqu nħarġu ż-żiediet fl-onorarji tas-Sindki.

Iċ-*Chairman* kkjarifika li m'hemm ebda relazzjoni bejn din il-mozzjoni u sejħiet tal-laqgħat urġenti. Huwa kompla jgħid, li hu kien akkonoxxenza ta' *Memo 7/2011,*u għamel referenza għall-*e-mails* skambjati bejn l-1 u 2 t'Awwissu 2011, bejnu, s-Segretarju Eżekuttiv u l-*Accountant* tal-Kunsill fejn hu nforma, li kien dispost li jgħaddi l-ammont lura li rċieva liema ammont, hu *net* u mhux *gross* għaliex minnu kien diġa' tnaqqas it-35% *provisional tax.* Madanakollu, s-Segretarju Eżekuttiv nfurmatu, li ma setgħatx taċċettah għaliex b'hekk, tkun qed taċċetta biss parti milll-ammont u mhux dak sħiħ kif ikkonfermat mill-*Accountant* u din ta' l-aħħar issuġġeriet li l-ammont dovut minnu għandu jkun rimburżat permezz ta' *set offs* kontra l-onorarja tax-xhur li ġejjin u cioe' 4.8 xhur. F'dan l-istadju hu qal, li kien ser jaċċetta l-proposta ta' l-*Accountant*.

Għaldaqstant, kien qed jipproponi li ssir emenda fit-tielet paragrafu billi dan jiġi sostitwit bis-segwenti:

'Illi l-Kunsilli Lokali qed jistennew struzzjonijiet dwar kif is-Sindki għandhom jagħmlu r-rimburżjoni tagħhom peress li f'*Memo 7/2011* ngħata dan il-parir'.

Il-proponent u s-sekondant qablu ma' din l-emenda

Iċ-*Chairman* talab, li jiġu nklużi l-paragrafi li ġejjin:

'Peress li dan il-Kunsill iħoss, illi f'dan il-mument finanzjarjament diffiċli għall-familji Maltin u Għawdxin, il-klassi politika għandha tagħti eżempju u tesprimi s-soledarjeta' tagħha mal-familji li għaddejjin minn dan iż-żmien diffiċli u fuq parir tas-Sindku wkoll għandu jibda l-proċess tar-rimburżjoni hekk kif spjegat lilu milll-*Accountant* tal-Kunsill fl-*e-mail* mibgħuta fit-2 t'Awwissu 2011 u mingħajr ma jkun hemm aktar stennija għall-struzzjonijiet minn naħa tad-Dipartiment Għall-Gvern Lokali'.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu ma kienx jaqbel ma' din l-emenda għaliex kienet tagħti lok partiġġjan iżda, l-iskop tal-mozzjoni kien li b'eżitu t'eżerċizzju finanzjarju mressaq mill-Oppożizzjoni, jiġi assigurat li l-istess azzjoni ttieħed mill-Kunsill. Huwa kompla jgħid, li din għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsill u mhux ta' xi ħadd personali.

Il-lok ta' l-emenda jdaħħal fatturi li jmorru oltre din il-mozzjoni għalhekk, ġa la darba s-Sindku kien qed jiddikjara li ser jirrifondi, joqgħod fuq id-dikjarazzjoni tiegħu u jirtira l-mozzjoni.

Iċ-*Chairman* qal, li f'ismu, l-Kunsillieri sħabu u dak Indipendenti, jaċċettaw li l-emenda tiġi rrtirata u rringrazzja lill-Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista li wrew sensittivita'.

Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Anthony Abela u Anthony Grech qablu ma' dak li qal iċ-*Chairman*.

Il-Kunsillieri Ian Micallef u Victor Rutter telqu fit-8.30 p.m. minħabba mpenn ieħor.

## 5. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**5.1** Tressqet l-Iskeda tal-Ħlasijiet minn Nru:2380 sa Nru:2434 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**5.2** Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

- *Best Wishes - €51.75*

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat li d-ditta *Road Servicing Ltd* kienet bagħtet *e-mail* fejn fiha elenkat ir-raġuni għaliex ma tistax taċċetta li titnaqqas il-5% *Contract Manager fee* mill-kontijiet tal-*WSC* għax-xogħol li sar fit-Toroq Coleridge, Nichola Cottoner u Immakulata Kunċizzjoni li kienu:

- Is-superviżjoni tax-xogħol relatat mal-*WSC* saret mill-personell tal-*WSC*

- Xogħlijiet tal-*WSC* ma kienux jiffurmaw parti mill-kuntratt iffirmat mal-Kunsill Lokali

- Aċċettaw l-10% *retention* li hi norma tal-metodu tal-ħlas tal-*WSC*

Inqrat ukoll, l-*e-mail* mibgħuta mill-uffiċċju tal-Perit tal-Kunsill fejn informa li d-ditta sopracitata kienet ilmentat dwar il-ħlas tal-*management fee* fuq il-kontijiet tal-*WSC*. Meta ġiet kkuntattjata l-Perit Charmaine Cutajar din infurmat, li ma kienitx materja tal-*WSC* iżda prerogattiva tal-Kunsill għax kien il-Kunsill li kummissjoni x-xogħlijiet. Skont il-kuntratt, *J. Bugeja & Associates* huwa kummissjonat biex jiċċertifika t-toroq fejn ikunu qed isiru x-xogħlijiet kif fil-fatt sar u għalhekk, kienu qed jikkunsidraw il-materja magħluqa u jekk il-kuntrattur jibqa' jinsisti, jirreferuh lill-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-Perit tal-Kunsill (*JB Associates*) ma jkollox x'jaqsam max-xogħlijiet tal-*WSC* fit-toroq Ponsonby u Stuart u li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tkellem lill-Perit dwar din is-sitwazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-*monthly payment* lill-*Accountant* Johanna Caruana jitħallas minn Jannar 2011.

**5.3** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet minn Nru: 2380 sa Nru: 2434 u dawk elenkati f'para 5.2., ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

## 6. Approvazzjoni tal-*Final Version tal-Financial Statements*

**6.1** Il-*final version* tal-*Financial Statements* ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsiller Anthony Abela waqt il-laqgħa tal-Kunsill li saret il-Ħamis 28 ta' Lulju 2011.

**7.** ***Update* ta’ *Tenders – GLC002/2010 Mixed Household Waste – GLC003/2010 Private Public Partnership***

**7.1** *GLC002/2010* – Iċ-*Chairman* qal, li fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ġie reġistrat l-appell, Dott Massimo Vella kien ssottometta r-risposta għan-nom tal-Kunsill.

*GLC003/2010 P.P.P.* - ebda risposta kienet għada ma waslet għall-ittra li ntbagħtet lil Onor Chris Said fit-12 ta’ Lulju 2011.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li għandna nibgħatu *reminders* lil Onor Chris Said għall-korrispondenza li ntbagħtet fit-12 ta’ Lulju 2011, kemm dwar it-*tender GLC003/2010 P.P.P.* kif ukoll, it-*tender GLC001/2004 – Tender for Cleaning & Upkeep Services in Gżira*.

**8.** **Affarijiet Oħra**

**8.1** Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat 60’s night waqt is-*Summer Music Nights* li jsiru kull nhar ta’ Ħamis mill-Kunsill u għan-nefqa ta’ €50.

**8.2** ***GLC05/2011 – Tender for Resurfacing Works – Housing Estate***

Rigward is-suġġett sopraċitat, *tenderer* wieħed biss issottometta li kien;

- *Polidano Bros* għall-ammont ta’ €11,611.31 VAT inkluża

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li din l-offerta tintrebaħ mill-uniku sopramettent jiġifieri *Polidano Bros Ltd* ġia la darba jissodisfa r-rekwiżiti kollha neċessarji u tinħareġ il-*Letter of Acceptance*.

**9.** **Laqgħa Oħra**

**9.1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Skeda Nru. Klg5/61**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa 2 August 2011** **Data:** **21.06.2011 sa 02.08.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Best Wishes | €95.00 | €95.00 | D | | Postage Stamps | 04.07.11 | 2397740 | 2380 | | 39043252002 | 7193 |
| 2 | Alfred Portelli | €745.42 | €745.42 | T | | C/M fee April/May/June 2011 | 21.06.11 | | 2381 | | | 7200 |
| 3 | Best Wishes | €3.20 | €3.20 | D | | Book for Public Library | 22.06.11 | | 2382 | | | 7201 |
| 4 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste - May 2011 | 15.06.11 | 9454 | 2383 | | | 7255 |
| 5 | Melita plc | €358.92 | €358.92 | D | | Hello Service & Usage 08.06.2011 -07.07.2011 | 08.06.2011 | 30589734 | 2384 | | | 7204 |
| 6 | M.I.C.S. | €1,100.00 | €1,100.00 | D | | Beginers Computer Course | 22.06.11 | 253 | 2385 | | | 7202 |
| 7 | Dept Local Government | €75.00 | €75.00 | D | | Advert GLC06/2011 - Tender Bankini | 20.06.11 | | 2386 | | | 7256 |
| 8 | Dept Local Government | €150.00 | €150.00 | D | | Advert GLC05/2011 H/Estate/Quotes 07 & 08/2011 | 20.06.11 | | 2387 | | | 7257 |
| 9 | Squire Bookshop | €45.10 | €45.10 | D | | Newspapers - June 2011 | 30.06.11 | 8801 | 2388 | | | 7258 |
| 10 | Sundew Enterprises Ltd | €2,980.95 | €2,980.95 | D | | Water & Electricity Con.06.03.10 -06.04.11 | 20.06.11 | 16 | 2389 | | | 7259 |
| 11 | Alfred Baldacchino | €30.00 | €30.00 | D | | Transport to St. Vincent de Paule | 05.07.11 | | 2390 | | | 7260 |
| 12 | S.Rausi Trading | €26.98 | €26.98 | D | | Drinking Water for Office Use | 04.07.11 | 11141232 | 2391 | | | 7261 |
| 13 | Clifford Vella | €12.50 | €12.50 | D | | Book for Public Library | 04.07.11 | 91/11 | 2392 | | | 7253 |
| 14 | G4S Security Services Malta Ltd | €60.88 | €60.88 | D | | Cash In Transit 8 Trips June 2011 | 30.06.11 | GS002890 | 2393 | | | 7263 |
| 15 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | S/Sweeping-G/Cutting - June 2011 | 01.07.11 | 11/2040 | 2394 | | | 7264 |
| 16 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | S/Sweeping on Sundays - June 2011 | 01.07.11 | 11/2041 | 2395 | | | 7265 |
| 17 | Envir L/Scapes Cons Ltd | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maintence of Soft Areas - June 2011 | 30.06.11 | 007450 | 2396 | | | 7266 |
| 18 | J.F. Mallia Ltd | €342.76 | €342.76 | D | | Maint. Bozoz - Job 192/3/4/5/6/7/8 | 30.06.11 | 599 | 2397 | | | 7267 |
| 19 | CSD Office Trade | €31.57 | €31.57 | D | | Stationery | 05.07.11 | 35428 | 2398 | | | 7268 |
| 20 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | | Main/Conn/period July to Sept. 2011 | 07.07.11 | SIN024953 | 2399 | | | 7269 |
| | Sub Total c/f | €17,719.81 | €16,939.42 | | | | | | | | | |
| | Total | €17,719.81 | €16,939.42 | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** **Skeda Nru. Klg5/61**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 21.06.2011 sa 02.08.2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Brincat Co. Ltd | €261.71 | €261.71 | D | | Road Marking Paint | 11.07.11 | 15444 | 2400 | | 39043252002 | 7270 |
| 22 | Makaw Ironmongery | €144.33 | €144.33 | D | | Maint of Fountain in Ġnien Kunsill ta' L-Ewropa | 12.07.11 | 20154 | 2401 | | | 7271 |
| 23 | Dr. Edward Woods | €494.76 | €494.76 | D | | Legal Advisor April/May/June 2011 | 30.06.11 | | 2402 | | | 7239 |
| 24 | Ms Johanna Caruana | €882.00 | €882.00 | D | | Acc. Serv-Add. Works finan year 31.12.2010 | 14.06.11 | 326 | 2403 | | | 7237 |
| 25 | GO plc | €23.36 | €23.36 | D | | Calls June-Rent July 2011 - 21341616 | 12.07.11 | 26148943 | 2404 | | | 7241 |
| 26 | GO plc | €61.25 | €61.25 | D | | Calls June-Rent July 2011 - 21322157 | 12.07.11 | 26149548 | 2405 | | | 7242 |
| 27 | GO plc | €83.60 | €83.60 | D | | Calls June-Rent July 2011 - 341034/334254 | 12.07.11 | 26148940 | 2406 | | | 7243 |
| 28 | WasteServ Ltd | €4,064.39 | €3,284.00 | D | | Allocated MSW Waste June 2011 | 15.07.11 | 10227 | 2407 | | 39043252002 | 7272 |
| 29 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €1,014.80 | €1,014.80 | K | | Job No: 1455-2 Poles re WIFI | 08.07.11 | 15006 | 2408 | | 39043252002 | 7273 |
| 30 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €307.71 | €307.71 | T | | Job No: 10668 Road Markings | 23.06.11 | 15033 | 2409 | | 39043252002 | 7274 |
| 31 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €1,174.60 | €1,174.60 | T | | Job No: 10715 - Road Markings | 06.07.11 | 15053 | 2410 | | 39043252002 | 7275 |
| 32 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €743.84 | €743.84 | T | | Job No: 10717 - Road Markings | 07.07.2011 | 15055 | 2411 | | 39043252002 | 7276 |
| 33 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €255.76 | €255.76 | T | | Job No: 10718 - Road Markings | 07.07.11 | 15056 | 2412 | | 39043252002 | 7277 |
| 34 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €1,347.73 | €1,347.73 | T | | Job No: 10719 - Road Markings | 11.07.11 | 15057 | 2413 | | 39043252002 | 7278 |
| 35 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €383.12 | €383.12 | T | | Job No: 10720 - Road Markings | 11.07.11 | 15058 | 2414 | | 39043252002 | 7279 |
| 36 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €179.13 | €179.13 | T | | Job No: 10721 - Road Markings | 08.07.11 | 15059 | 2415 | | | 7280 |
| 37 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €378.54 | €378.54 | T | | Job No: Road Markings | 13.07.11 | 15074 | 2416 | | | 7281 |
| 38 | David Grasso | €186.00 | €186.00 | D | | Summer Music Nights 14/07 & 21/07 | 21.07.11 | 9305 | 2417 | | 39043252002 | 7262 |
| 39 | MITA | €29.82 | €29.82 | D | | E-Mail - Councilors period April/June 2011 | 15.07.11 | SIN025026 | 2418 | | 39043252002 | 7282 |
| 40 | Melita plc | €267.69 | €267.69 | D | | Hello Service & Usage 08.07.11-07.08.2011 | 08.07.11 | 30743781 | 2419 | | 39043252002 | 7249 |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | €12,284.14 | €11,503.75 |
| Sub Total b/f | €17,719.81 | €16,939.42 |
| Total | €30,003.95 | €28,443.17 |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 21.06.2011 sa 02.08.2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | The Toolbox | €28.18 | €28.18 | D | re: Festa Kiosks | 05.07.11 | 10394 | 2420 | 25/2011 | | 7283 |
| 42 | The Toolbox | €11.03 | €11.03 | D | re: Maintenance | 08.07.11 | 10440 | 2420 | 29/2011 | | 7283 |
| 43 | The Toolbox | €37.95 | €37.95 | D | Safety Shoes & Vest for S. Tabone ETC | 20.07.11 | 10468 | 2420 | 28/2011 | | 7283 |
| 44 | The Toolbox | €19.71 | €19.71 | D | re: WIFI System Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa | 20.07.11 | 10469 | 2420 | 30/2011 | | 7283 |
| 45 | Borg Hardware Store | €20.62 | €20.62 | D | re: Maint Benches | 24.06.11 | 106 | 2421 | 24/2011 | | 7284 |
| 46 | Borg Hardware Store | €4.95 | €4.95 | D | General Maint. | 26.07.11 | 107 | 2421 | 31/2011 | | 7284 |
| 47 | Sound Vision Print Ltd | €176.06 | €176.06 | D | Adv. GLC06/2011 & GLC05/2011 | 21.07.11 | KH/6/44 | 2422 | | | 7285 |
| 48 | J.Bugeja & Associates | €2,271.54 | €2,271.54 | T | C/M fee - R.S.L. & J.K. Contractors | 21.06.11 | | 2423 | RFP734 | | pending |
| 49 | J. Bugeja & Associates | €137.47 | €137.47 | T | Arch Serv. May 2011 | 21.06.11 | | 2424 | RFP733 | | 7347 |
| 50 | J. Bugeja & Associates | €384.92 | €281.82 | T | Arch Serv. June 2011 | 12.07.11 | | 2425 | RFP772 | | 7348 |
| 51 | Alfa Co. Ltd | €54.77 | €54.77 | D | Rentals June 2011 | 30.06.11 | 73174 | 2426 | | | 7286 |
| 52 | Alfa Co. Ltd | €114.08 | €114.08 | D | Rentals 13.05.11 - 12.06.2011 | 30.06.11 | 73175 | 2426 | | | 7286 |
| 53 | Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | Craft Lessons | 31.07.11 | 21 | 2427 | | | 7244 |
| 54 | Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | Duck Food - July 2011 | 31.07.11 | 27 | 2428 | | | 7287 |
| 55 | Emmanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | Door to Door Collection - July 2011 | 31.07.11 | 86 | 2429 | | | 7245 |
| 56 | Emmanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | Skip Hire July 2011 | 31.07.11 | 87 | 2430 | | | 7246 |
| 57 | Emmanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | Public Convenience - July 2011 | 31.07.11 | 88 | 2431 | | | 7247 |
| 58 | Emmanuel Mifsud | €777.32 | €777.32 | T | Bulky Refuse - 142 Calls - June 2011 | 31.07.11 | 89 | 2432 | | | 7248 |
| 59 | Sundew Enterprises | €128.62 | €128.62 | D | Elec Cons common parts Nov 09 - March 2011 | 20.06.11 | | 2433 | | | 7394 |
| 60 | Sundew Enterprises | €259.60 | €259.60 | D | 20% of exp of comm.parts incl lift -Jan.- Dec 2011 | 20.06.11 | LC011 | 2434 | | | 7393 |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | €11,707.84 | €11,604.74 |
| Sub Total b/f | €30,003.95 | €28,443.17 |
| Total | €41,711.79 | €40,047.91 |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

Kunsillier

Kunsillier